StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2009

DIRETTORAT GĦAL KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IT-TIELET KLASSI** **MALTI** **ĦIN : Sagħtejn**

**Isem :** ________________________ **Klassi :** ___________________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha*:

# Id-Dielja



Kien hemm dielja żagħżugħa mal-ħajt ix-xemxi tal-ġnien. Ma' Marzu bdiet tisponta l-weraq u ttawwal iż-żraġen. F'April imtliet kollha bil-ħdura u Mejju sabha mistrieħa mal-ħajt kollu, miżgħuda għenieqed irqaq donnhom bużbież. *(par. 1)*

Iżda d-dielja kienet dejjem tgerger mill-ġennien. "Imma l-għaliex hu kiefer daqshekk miegħi?" kienet tistaqsi lill-friefet u lin-naħal, lill-gremxul u lill-brimb u lil kulħadd. U meta dawn kienu jagħtuha daharhom u jibqgħu sejrin għal xogħolhom, id-dielja kienet aktar tinkedd. "Fix-xitwa, meta kont għadma u ġilda nterter bil-bard, resaq fuqi bil-għodda u beda jqaċċatni biċċa, biċċa. Għalxejn krabt u tlabtu biex ikollu ħniena minni. Ma tax kasi. Telaq u ma rajtux aktar. Ħallieni waħdi. Għaliex?" *(par. 2)*

Ħadd ma seta' jagħtiha tweġiba. U bl-uġigħ imħaxlef maż-żewġt izkuk waħdiena, id-dielja raqdet il-bqija tax-xitwa. Stenbħet ma' dħul ir-rebbiegħa meta l-għenieqed busbies bdew jonfħu. U l-ġennien reġa' ġie fuqha. Bexxixha kollha bi trab safrani. Id-dielja ħassitha se tifga. Meta rat dan kollu, is-siġra reġgħet bdiet titniehed. *(par. 3)*

Għaddew Ġunju u Lulju u l-għenieqed kibru. Ma' nofs Awwissu bdew jiswiedu. Id-dielja issa kienet fis-seba' sema. Minn fuq il-ħajt ħarset lejn id-dwieli ġirien. Ilkoll kellhom l-għenieqed, imma ħadd daqsha. Iżda l-ġennien kiefer reġa' ġie. Did-darba ġab miegħu ħafna boroż żgħar u beda jorbothom mal-għenieqed. Kull għanqud ġo borża għalih waħdu. Issa d-dielja ma felħitx aktar! Minn siġra kburija saret oġġett tad-daħk. *(par. 4)*

U d-dielja bkiet sa ma ħasset ruħha ħierġa. Talbitu bil-ħniena għal elf darba. Il-ġennien ma tax kasha. Meta rat hekk id-dielja qatgħetha li l-ġennien kien trux. Li kien bla qalb. Li ma kienx jimpurtah minnha. Li kien jobgħodha. Li kien jieħu gost bil-ħsara tagħha. U bagħditu! *(par. 5)*

Għadda s-sajf u l-gremxul u s-sriep u l-qniefed bdew jaħsbu għan-nagħsa t-twila. Il-ħawħa ħammret werqietha u ħalliethom jaqgħu waħda waħda ħdejn riġilha. Id-dielja wkoll bdiet titgħarwen. Għadda Ottubru u wasal Novembru. Id-dielja reġgħet saret għadma u ġilda … minbarra dawk il-ħafna boroż grotteski. U bdew l-iljieli tal-beraq u x-xita. *(par. 6)*

Għodwa waħda reġa' deher il-ġennien. Kellu mqass u kannestru f'idejh. Resaq fuqha u beda jħoll u jiftaħ il-boroż. X'għaġeb tal-għeġubijiet: minn kull borża ħareġ għanqud frisk u samm, mimli kollu bil-benna ta' sajf xemx; xpakkat bil-meraq ta' sajf tbatija. U d-dwieli ġirien, ilkoll għadma u ġilda, stagħġbu u nixfu għad-dehra tad-dielja miżgħuda għenieqed f'tarf il-ħarifa. U ġew il-pitirrossi jifirħulha, u l-ħuttaf u l-bebbux u kull xitla tal-ġonna qrib. *(par. 7)*

U d-dielja bkiet bil-ferħ. F'salt wieħed waslet ġo ruħha t-tweġiba tal-elf mistoqsija ta' dari. Issa kollox fehmet. U talbitu jaħfrilha. *(par. 8)*

(Addattament minn kitba ta' T. Zahra li dehret f'*It-8 Kontinent*)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

| A. FEHIM IT-TEST | (…ki) |
|---|---|

1.Liema minn dawn jista' jkun ukoll titlu addattat ħafna għas-silta? Agħmel sinjal taħtu. (m…

Id-Dwieli f'Pajjiżna; Qatt tħaffef tiġġudika; Il-Ġennien.

2. Biex kienet mimlija d-dielja? (marka)

______________________________________________

3. Id-dielja ma kellhiex relazzjoni tajba mal-ġennien. Agħti żewġ raġunijiet għal dan. (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

4. Fisser fi kliemek: *Id-dielja issa kienet fis-seba' sema (par.4).* (2 marki)

______________________________________________

5. Fil-ħames paragrafu l-awtur jgħid li d-dielja bkiet. Għaliex? (marka)

______________________________________________

6. X'ġiegħel lid-dwieli ġirien jistagħġbu? (marka)

______________________________________________

7. X'fehmet id-dielja u għaliex talbet lill-ġennien jaħfrilha? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 marka) |
|---|---|

GRAMMATIKA/MORFOLOĠIJA

1. Imla l-vojt b'**Parteċipju Attiv** minn R-Q-D:

   i. Bħalissa d-dielja ______________.

   ii. Meta t-tfal ikunu ______________ żomm il-kwiet. (2 marki)

2. Oħroġ kliem li jagħmel sens mill-**Parteċipju Passiv** li qiegħed fil-parentesi:

   Qiegħed forsi tippjana biex ______________ (magħmul) ġnien żgħir mad-dar? Hawnhekk għandek ______________ (misjub) xi ________________ (ssuġġerit). (3 marki)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Imla l-vojt bin-numri:

Pawlu l-bidwi għandu _______________ (2) amorini, _______________ (3) ivrieden, u _______________ (5) iklieb. (3 marki)

4. Sib it-tajba:

i. Verb fil-**5** forma (a) jirdoppja l-konsonanti tal-aħħar _____
(b) jirdoppja l-konsonanti tan-nofs _____
(ċ) jirdoppja l-konsonanti tan-nofs u jżid **t** fuq quddiem _____ (marka)

ii. Verb fl-**10** forma jkollu (a) **st** bħala prefiss _____
(b) **st** bħala infiss _____
(ċ) **st** bħala suffiss _____ (marka)

5. Mis-silta sib **2** eżempji ta' **Prepożizzjonijiet bl-Artiklu**: __________ _________ (2 marki)

ANALIŻI TESTWALI

6. *Talbitu bil-ħniena għal elf darba……. U bagħditu!(par.5)* Talbet u bagħdet lil min?

_________________________________ (marka)

LESSIKU / VOKABULARJU

7. Agħti kelma bl-istess tifsira bħal:

donnhom *(par.1)* _______________ (marka)

8. Sib mis-silta l-kelma li tfisser:

ddeċidiet *(par.5)* _______________ (marka)

9. grotteski *(par.6)* hi kelma ta' nisel:

(a) Semitiku _____ ; (b) Rumanz _____ ; (ċ) Ingliż _____ . (marka)

SINTASSI

10. Sib it-tajba:

*U bagħditu!* hi sentenza:

(a) Interrogattiva _____ ; (b) Imperattiva _____ ; (ċ) Esklamattiva _____ . (marka)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

11. Imla l-vojt billi toħroġ **nom** mill-kelma fil-ġenb:

Is-sentenza Affermattiva turi __________________ (afferma) (1

12. Ikteb sentenza b'kull waħda minn dawn il-partiċelli: mill- ; mil-

i. ______________________________________________

ii. ______________________________________________ (2 marki)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki)

1. Fisser dan il-qawl mit-taqsima **Xorti u Fidi**: *Aħjar weġgħa minn demgħa.*

______________________________________________

2. Ikteb idjoma li toqgħod għat-tifsira ta' din is-sentenza:

Daniel ma ħariġx għal missieru; għażżien ħafna tant li ma jagħmel xejn.

______________________________________________

**D. MALTI KOMUNIKATTIV** (8 marki)

Agħżel a **jew** b. Ikteb madwar **60** kelma.

a. Is-sajf hu żmien il-festi reliġjużi. Iddeskrivi l-atmosfera ta' festa li baqgħet stampata f'moħħok.

***Jew***

b. Matul is-sajf li ġej, fil-Kulleġġ fejn tattendi, se jsir kors tal-*ECDL*. Bħala segretarju/a tal-Kunsill tal-Istudenti, int għandek tħejji riklam biex tħajjar lil sħabek jattendu.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI

Ikteb madwar **50** kelma fuq wieħed mis-suġġetti tal-proġett **Idea ta' Lingwa** li għamilt tiftix dw din is-sena.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## F. LETTERATURA (30 marka)

### (i) JINQABAD BID-DROGI (6 marki)

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba:

1. Ċinzja lanqas kien għad kellha sbatax-il sena. Kienet diġà telqet (mill-iskola, mid-dar, mill-kulleġġ).
2. (Id-droga, Il-moda, Il-mużika) saret l-għajxien u l-mewt ta' din Ċinzja.
3. Helen, mara ta' tletin sena, (sofriet, gawdiet, siefret) ħafna.
4. Ta' dsatax-il sena Helen sabet ruħha miżżewġa u wara t-twelid tat-tarbija ż-żwieġ beda (jitqawwa, jisseddaq, jitfarrak).
5. Martin, ħu Simon ir-Raggae, kien dejjem jgħid li hu sa (jiżżewweġ, jmut, jibda jaħdem) żgħir.
6. Simon ir-Raggae (miet, iżżewweġ, beda jaħdem) żgħir ukoll.

### (ii) STEJJER TAĊ-ĊARRUT (6 marki)

Wieġeb a **jew** b. Ikteb madwar **60** kelma.

a. Skont *Mind Share* (It-3 Żona), minn xiex għandek tibża'?

***jew***

b. Minn xiex kellu jgħaddi t-tifel bin-nuċċali fl-istorja *Il-Bulijiet* (It-2 Żona)?

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**(iii) STEJJER GĦAL QABEL JIDLAM** (6 marki)

Wieġeb a **jew** b. Ikteb madwar **60** kelma.

a. Ikteb dwar l-esperjenzi ta' Bertu ħdejn il-baħar. (*It-Tifel tal-Baħar*).

***jew***

b. X'kienu x-xewqat ta' Filomena? (*L-Ewwel Telefonata*)

**(iv) NADRIET 3**

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha:

1. Dwar min jitkellem il-poeta Dun Karm Psaila fil-poeżija *Poeta* ? (marka)

2. Dun Karm Psaila ma' xiex ixebbah lil din il-persuna? (marka)

3. Ma' xiex iqabbel ruħu l-poeta Achille Mizzi fil-poeżija *Arizona* ? (marka)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. *Xtieli muxgħara jriegħxu bit-tixwik,*
   *Kaktus iniggeż qalb il-fwar li jitla'*
   *Bħal ħolma mriegħda minn ġo l-art ħamrana.*

   Sib: (a) alliterazzjoni ______________________________

   (b) similitudni ______________________________

   (2 marki)

5. *'Mma fil-ħarba ta' snin twal*
   *tbiddlu d-dwal ....*
   *kollox jagħti fis-sewdieni ....*
   *aktarx tinsa l-lewn ewlieni ....* (*Waħdi* – Ružar Briffa)

   F'din l-istrofa r-rima hi:

   (a) mbewsa _____; (b) alternata _____; (ċ) interna ____. (marka)

**(v) AKTAR NADRIET POETIĊI** (6 marki)

Agħżel poeżija minn hawn taħt u agħti taqsira tagħha. Ikteb madwar 50 kelma:

| |
|---|
| *Fis-Skiet* – Carmel Calleja / *Fuq il-Palm tal-Ħbiberija* – Philip Sciberras / *Fjura tas-Sur* – Mario F. Bezzina / *Ħabbata* – Marjanu Vella / *Iż-Żgħożija* – Charles Flores |

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250** kelma fuq karta separata.

1. Xi nħobb u x'ma nħobbx.
2. Ħolma.
3. X'jiswa li tistudja?
4. Kif naħsibha dwar l-ambjent naturali f'pajjiżna.
5. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-internet.
6. Il-briju fil-festi. Djalogu bejn anzjan/a u żagħżugħ/a.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers